MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Numru 363/2003

**Il-Pulizija**
**Supretendent Alexandra Mamo**
**v**

**CARMEN SPITERI**

## Il-Qorti:-

Rat li l-imputata **CARMEN SPITERI** bint Carmel u Maria nee Buttigieg imwielda Pieta nhar it-tnejn ta’ Marzu 1977 u residenti Block C, Triq il-Funtana, il-Belt Valletta, detentrici ta’ karta ta’ identita numru 217577M giet imressqa quddiemha nhar id-disgha w ghoxrin ta’ April 2003 u akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, u cioe fil-perijodu mill-ewwel (1) ta’ April 2002 u t-tmienja (8) t’April 2003, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:-

a. b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet xi haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ aktar minn erbat elef lira maltin (Lm4,000) bi hsara ta’ Carmen Ciarlo u persuni ohra.

b. Talli approprjat ruhha minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe hadet flejjes li jammontaw ghal aktar minn erbat elef lira maltin (Lm4,000), liema flejjes jappartjenu lil Camen Ciarlo u persuni ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-tlieta w ghoxrin ta’ Dicembru 2004 (fol. 88) sabiex din il-kawza fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputata tigi trattata u diciza minn din il-Qorti fil-komptenza taghha fuq riferuta.

Rat li fl-erbatax ta’ Marzu 2007 gew moqrija dawn l-istess artikoli tal-Avukat Generali u l-imputata tat il-kunsens taghha li din il-kawza tigi deciza minn din l-istess Qorti fil-komptenza taghha fuq riferuta (fol. 101).

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront taghha u dan fil-presenza tal-avukat difensur taghha nhar is-sebgha w ghoxrin ta’ Gunju 2007 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja taghhom.

Il-Qorti tat zmien xieraq lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha izda dan nonnostante l-imputata zammet ferm l-ammissjoni volontarja u spontaneja taghha.

Ai fini ta’ piena il-Qorti semghet lill-vittma Carmen Ciarlo tiddikjara quddiemha nhar is-sebgha w ghoxrin ta’ Gunju 2007 li hija kienet lesta li taccetta minghand l-imputat li tithallas lura tal-flus li hija giet defrodata mill-imputata fl-ammont ta’ erbat elef lira maltin (LM4,000) b’pagamenti mensili u konsekuttivi ta’ tlettin lira maltin(LM30).

Rat ukoll dak li gie sottomess mill-Ufficcjal tal-Probation u cioe Miriam Sevasta fir-rapport taghha prezentat f’dawn il-proceduri nhar l-erbgha ta’ Gunju 2007 (fol. 106) u cioe li fil-perjodu li sehh il-kaz in dezamina l-imputata kienet tinsab fi stat ta’ disprament minhabba li kienet tinsab f’bahar ta’ dejn konsegwenza tal-vizzju tal-loghob u li llum il-gurnata l-imputata tinsab ferm dispjacuta b’dak li gara u li tixtieq li trodd lura l-flus li hadet minghand l-vittma ta’ dan il-kaz Carmen Ciarlo.

Jirrizulta minn ezami ta’ dan ir-rapport li l-imputata tghix bl-ghajnuna socjali jigifieri fuq ir-*relief* u li tiehu hsieb bintha minuri ta’ tmien snin u li ghalhekk tiehu ukoll ic-*childrens allowance* u f’xi okkazjoni tircievi xi ghajnuna minghand ommha.

Illi l-*probation officer* ikkonfermat li l-vittma hija kuntenta bil-ftehim raggunt maghha mill-imputata u cioe li tinghata is-somma ta’ tletin lira maltin (LM30) fix-xahar u xejn anqas.

Il-Qorti rat ukoll il-fedina penali tal-imputata li tinsab esebita fl-atti a fol. 4 et seq markata bhala dokument CSH u minn esami ta’ l-istess jirrizulta li l-imputata diga kisret dufrejha mall-ligi izda ma tghalmitx ghaliex regghet qeghda l-Qorti akkuzata bir-reati odjerni.

Rat li hija ghandha *conviction* wahda registrata fuqha fis-sena 2000 dwar approprjazzjoni in debito u cioe l-istess akkuza odjerna meta kienet inghatat *unconditional discharge* ghall-perijodu ta’ sentejn.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li m’ghandhiex taghti *probation order* ohra izda piena karcerarja sospiza sabiex din isservi bhala mannara fuq ras l-imputata sabiex jekk

terga tizbalja fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza din id-darba ssib ruhha il-habs. Thoss ukoll illi ghandha tpoggiha taht ordni ta' supervizjoni ghall-perjodu massimu permess mill-ligi ta' erba' (4) snin u dan bl-isperanza li l-imputata tibqa' fit-triq it-tajba u in oltre zzomm l-obbligazzjoni taghha li thallas lura lil vittma kif miftehma mal-vittma Carmen Ciarlo.

Ghalhekk, **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 18, 28A, 293, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lill-imputata CARMEN SPITERI hatja tal-akkuzi kif addebitati w ammessi minnha stess u tiddecidi li tikkundannha ghal piena karcerarja ta' tmintax-il xahar (18) sospizi ghall-erba' (4) snin.**

In oltre tiddecidi li tpoggiha taht ordni ta' supervizjoni ghall-istess perjodu ta' erba' (4) snin ai termini ta' l-artikolu 28G (1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, skond l-ordni annessa ma din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-imputata wara li l-Qorti spjegat l-import taghha lilha, u kopja ohra tinghata lid-Direttur tal-Probation Services bil-ghan li jigi nominat kandidat idejali ghal din is-supervizjoni u dan ai termini tal-artikolu tal-Kap 28G (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur sabiex l-Ufficjal tas-Supervison Order possibilment ikun l-istess persuna li rredigiet il-*pre sentencing inquiry report*.

**Il-Qorti spjiegat lil hatja fi kliem car, kemm r-responsabilita taghha u x'jigri jekk tikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' erbgha [4] snin u l-hatja ddikjarat li fehmet dan ben tajjeb.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Supretendent Alexandra Mamo**
**v**

**CARMEN SPITERI**

**ORDNI TA' SUPERVIZZJONI**
**[Artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, … ta' Lulju 2007**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija **CARMEN SPITERI giet kkundannata** ghal **piena karcerarja ta' tmintax (18) il-xahar sospizi ghal erbgha (4) snin ai termini tal-artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Supervizzjoni;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' Supervizzjoni lil imputata probationer, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess imputata probationer wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna li** l-imsemmija **CARMEN SPITERI** bint Carmel u Maria nee Buttigieg, imwielda Pieta nhar it-tnejn ta' Marzu 1977 u residenti Block C, Triq il-Funtana, il-Belt Valletta, detentrici ta' karta ta' identita numru 217577M **titqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal perjodu ta' erbgha (4) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta' erbgha (4) snin l-imputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation

Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer thoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-imputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li din taghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer tkun trid hekk, tircievi zjarat taghha fid-dar taghha;

3. Illi l-imputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-imputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputata.

5. Illi l-imputata ghandha taghmel pagamenti mensili u konsekuttivi ta’ tletin lira maltin lil Carmen Ciarlo.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hatja, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services kif wkoll lil Ufficjal Sorveljanti nominat skond s-sub artikolu 7(8) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

……………………………..
***CARMEN SPITERI***

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------